Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISA' LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 4 – Kontinwazzjoni**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu fil-17.11

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier - 18.22 |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

Għal din is-seduta, kien hemm 3 residenti preżenti fl-uffiċini tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa jekk dawn ir-residenti jixtiequx li jwasslu xi messaġġ sabiex filkaz jiġi propost li din is-Seduta tkun sospiża f'każ li hemm qbil mill-membri l-oħra. Dawn ir-residenti nfurmaw li m'hemmx għalfejn.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Viċi Sindku

4.1.1 Huwa staqsa x'se tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Pedidalwett (cul-de-sac) fejn hemm resident partikolari li jixtieq li jitwaħlu sinjali biex jinfurmaw lis-sewwieqa sabiex ma jimmanuvrawx ġo drive-ins privati u resident ieħor huwa totalment kontra li dawn jitwaħħlu. Is-Sindku spjega li riċentament il-Kunsill irċieva rikjesta għal dan is-sinjali peress li anke skont filmati li ġew ppreżentanti jidhru sewwieqa jagħmlu ħsarat estensivi fil-ħitan u *railings* privati. Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li jekk hemm xi residenti li jixtiequ jwaħħlu mal-faċċata tagħhom dawn it-tabelli, jistgħu jinxtraw mill-Kunsill minnhom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4.1.2 Il-Viċi Sindku staqsa għal possibilta' biex jiġu nstallati tabelli biex sidien ta' żwiemel jiġbru l-ħmieġ tagħhom minn Triq is-Sardinella. Il-Kunsillier R. Scicluna nfurmat li dwar din il-kwistjoni hija għaddiet l-informazzjoni kollha lil Pulizija tal-Komunita' u se tkun qed tibqa' isegwi l-andament ta' dan ir-rapport speċifiku.

4.1.3 Huwa staqsa jekk hux possibli li l-parkeġġ riservat għal Maġistrat fi Triq Passiflora jistax issa jitneħħa peress li skont rapporti tal-ġirien, dan m'għadux jintuża. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt ma' TM dwar din il-possibilta'.

4.1.4 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ilment speċifiku li qed jirċievi ta' spiss dwar *bin* li hemm installat fi Triq tal-Għoqod k/m Triq ta' Fuq il-Ġonna. Skont l-ilmenti jidher li dan il-bin qed jatratta ħafna ħmieġ u din il-kantuniera qed iservi biss biex kulħadd jarmi l-boroż skont kif ifettilu. Is-Sindku nforma li din hija rikjesta oħra li huwa jemmen li ma nistgħux nċedu għaliha. Is-Sindku jemmen li bl-istess raġunament, il-Kunsill jista' qatt iktar ma jinstalla *bins* u li żgur mhux *il-bins* li qed jattrataw iktar ħmieġ imma l-persuni rresponsabli li għal xi raġuni ma jistgħux jifhmu li hemm skeda nazzjonali kif jinġabar l-iskart.

4.1.5 Huwa staqsa jekk il-Kunsill bgħatx l-oġezzjoni tiegħu b'mod uffiċjali dwar PA04219/24. Is-SE infurmat li din intbagħtet nhar id-9 ta'Lulju lil PA.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA –ikomplu**

Mill-Viċi Sindku

4.1.6 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibli li nisimgħu lil residenti li kien hemm preżenti peress li jħoss li jkun għaqli jekk dawn jkunu jistgħu jinfurmaw lil Kunsill x'qed jinkwitahom eżatt. Is-Sindku nforma li huwa diġa' offra din il-possibilta u li jekk dejjem hemm qbil, din is-Seduta tiġi sospiża. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Din is-seduta ġiet sospiża. Il-ħin kien 17.45.

*Ir-residenti preżenti: Sur R.Ciantar, Sur J. Boyle u Sa. Jacchiano.*

*Din is-seduta reġġġet bdiet fis-18.00.*

4.1.7 Il-Viċi Sindku nforma li huwa personalment totalment ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jkompli jkun inkluż f'din il-kawża peress li jħoss dan mhux żvillup kbir li se jaffetwa ħafna l-popolazjoni ta' dik iż-żona u li dan żgur mhux proġett għal skopijiet kummerċjali. Is-Sindku nforma li din hija deċiżjoni iebsa ħafna peress li l-Kunsill qiegħed joġezzjona biss għal fatt li dan l-izvillup mhux skont l-Policy eżistenti. Kien hemm qbil unanimu li fis-Seduta li jmiss tiġi diskussa din il-materja u tittieħed deċiżjoni finali.

Mill-Kunsillier A.Pisani

4.1.8 Il-Kunsillier A.Pisani infurmat li l-familjari ta' Ben li sfortunatament tilef ħajtu f'aċċident ta' traffiku fi Triq il-Madliena km Triq Wied id-Dis, jixtiequ li jbiddlu l-bank u jiddekorawh bil-memorja tiegħu. Hija staqsiet jekk hux possibli li jsir dan. Kien hemm qbil ununami minn dawk preżenti li jekk kemm-il darba huma lesti li jipprovdu dan il-bank, il-Kunsill m'għandu l-ebda oġezzjoni dwar dan. Għaldaqstant, is-SE staqsiet sabiex tkun infurmata minn qabel meta se jkun pjanat li jsir dan it-tibdil sabiex il-bank eżistenti jiġi nstallat x'imkien ieħor.

Noel Muscat | Clarissa Buhagiar

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA –ikomplu**

Mill-Kunsillier A.Pisani – tkompli

4.1.9 Hija rringrazzjat lill-istaff tal-Kunsill kif ukoll lil kuntrattur responsabli talli saru xogħlijiet kollha neċċessarji biex jinqata' l-bajtar minn Triq il-Miżura u hekk il-bankina hija iktar aċċessibli.

*Il-Kunsillier Miguel Balzan kien preżenti. Il-ħin kien 18.22.*

Mill-Kunsillier M. Abela

4.1.10 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jiġu nstallati *picnic benches* fi Triq il-Madliena ( quddiem l-entratura ta' Fort Madalena). Is-SE ħadet l-inkarigu li jinġabru dawn il-kwotazzjonijiet.

4.1.11 Hija staqsiet sabiex issir kuntatt ma' TM dwar meta se jiġi nstallat bus-shelter fi Triq Sant Andrija kemm in-naħa ta' Pembroke kif ukoll in-naħa tas-Swieqi. Is-Sindku u s-SE infurmaw li ta' spiss jintbagħtu reminders kemm lil uffiċjali ta' TM dwar din il-materja pero' sa llum il-ġurnata għadna bla ebda risposta. Is-SE infurmat li se terġa' tibgħat reminder ieħor.

4.1.12 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li jitneħħa siment li kien waqa' fil-bidu ta' Triq il-Qasam ( lejn Triq il-Pelikan) dan peress li qed jkun ta' periklu għas-sewwieqa tal-muturi. Is-Sindku l-Viċi Sindku fakkru wkoll li hemm l-istess sitwazzjoni fi Triq tal-Franċiż. Is-SE infurmat li la l-Kunsill m'għandhux persuni li lesti li jkunu xhieda, l-Pulizija ma jistgħux jipproċedu bl-akkużi minkejja fil-kaz ta' Triq tal-Franċiż hemm il-provi kollha neċċessarji. B' mod unanimu, kien hemm qbil li dan jitneħħa mill-kuntrattur tal-Kunsill.

4.1.13 Hija fakkret dwar dak il-bill board li hemm fi Triq Sant Andrija ( in-naħa tal-Madliena) fejn jidher bi ċar li hemm bżonn li tintefa' iktar ħamrija mal-bażi tiegħu sabiex dan jkun aktar sod. Is-SE infurmat li diġa' inġibdet l-attenzjoni ta' TM dwar dan u se tkun qed terġa' tibgħat *reminder* ieħor.

4.1.14 Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-Kunsill ta' tfal. Il-Viċi Sindku nforma li se jkun qed jikkomunika magħhom fil-jiem li ġejjn.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA –ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela

4.1.15 Rigward il-laqgħa li saret ma' residenti ta' Victoria Gardens, il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm numru sostanzjali ta' residenti li jixtieqa jikkontribwixxu sabiex jintsallaw 2 cameras fl-entraturi ta' din iż-żona. Waqt il-laqgħa, iż-żewġ residenti li kienu ssuġerew din l-inzjattiva ħadu l-inkarigu li jinġabru l-kwotazzjonijiet kollha neċċessarji u twaqqaf ukoll Kumitat. L-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat se ssir nhar it-2 ta' Settembru fis-6pm.

4.1.16 Il-Kunsill ġie infurmat li se jibda' x-xogħol fuq l-advertsiing panels fi Triq tal-Ibraġ. Il-Kunsillieri M. Abela u R. Scicluna flimkien mas-SE iltaqgħu mal-kuntrattur li se jkun qed jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

4.1.17 Il-Kunsillier staqsa jek il-Kunsill jistax' jerġa jintervjeni fil-problema ta' leakage ta' l-ilma li hemm fi Triq il-Gejza/ Triq is-Sirk. Is-SE infurmat li din il-materja diġa' ġiet indirazzta lil WSC u anke saru telefonati lil Inġiniera tal-WSC fejn dawn assigurawna li qed jaħdmu fuq din il-problema. Is-SE infurmat li se jibqgħu jintbagħtu *reminders* kontinwament.

4.1.18 Rigward il-van ta' l-eletriku, huwa nforma li waqt l-aħħar laqgħa mal-Kunsillier M. Abela, ġie lnuttat li GREENS Supermarket huwa lest li jiffinanzja l-ispejjez involuti marbuta mas-sewwieq. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li dan se jagħmlu bi prova għal sena u bil-kundizzjoni li fuq in-naħa ta' wara tal-van jkun hemm reklam ta' l-istess supermarket. Kien hemm qbil dwar dan. Ġie propost li s-sewwieq jkun disponibli kuljum bejn 7am u 2pm u kull nhar ta' Sibt bejn 7am u nofs in-nhar. Il-Kunsill ġie infurmat li se ssir laqgħa oħra sabiex jiġi stabilit min se jkun is-sewwieq.

Mill-Kunsillier L. Vassallo

4.1.19 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li jinxtraw kotba użati minn fuq il-mezzi soċjali sabiex tkun tista' titella' *book fair.* Is-SE infurmat li għal kull ħlas li jsir minn naħa tal-Kunsill, il-fornitur irrd jippreżenta l-irċevuta fiskali u kull spiża trid tkun approvata mill-Kunsill.

Noel Muscat — Clarissa Buhagiar

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA –ikomplu**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

4.1.20 Il-Kunsillier staqsiet meta se jiskadi l-kuntratt li għandu l-Kunsill mal-kuntrattur tal-knis. Is-SE infurmat li se jkun qed jibda' l-proċess dal-waqt sabiex tinħareġ sejħa oħra.

4.1.21 Rigward il-possibilita' li tinfetaħ l-berġa fl-uffiċini tal-Kunsill, hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda. Is-Sindku nforma li diġa' ġie infurmat l-Onor Jo. E. Abela dwar din il-materja pero' si'issa għadna ma ingħatajniex l-opportunita' li niltaqgħu miegħu biex tiġi diskussa din il-materja.

*Il-Kunsillier L.Vassallo talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 19.00.*

4.1.22 Hija staqsiet jekk hux possibli tiġi rifreskata blue-bay fi Triq is-Swieqi (ħdejn il-Miracle). Is-SE infurmat li dan ix-xogħol sar dalgħodu.

4.1.23 Rigward il-problema ta' ħsarat tad-dawl ta' zebra crossing fi Triq is-Sidra, il-Kunsillier talbet sabiex jekk hu possibli terġa' tintbagħat talba lil Enemalta sabiex sa fl-aħħar dawn it-tiswijiet isiru mill-aktar fis. Is-SE infurmat li se tkompli tikkomunika ma' l-Enemalta dwar din il-materja.

4.1.24 Hija staqsiet x'inhi l-possibilta' li jsir sular ieħor fuq il-bini eżistenti tal-Kunsill. Is-SE infurmat li bħalissa l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li jsiru proġetti simili u għalkemm iva jinħass sew il-bżonn ta' iktar spazju, wieħed irrid jikkonsidra sew dan il-punt. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier E. Rossignaud qablu ma' dan is-suġġeriment. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jiġi involut il-Perit tal-Kunsill.

4.1.25 Rigward l-intervisti li saru mis-SE, mill-Kunsillier R. Scicluna u s-Sur H. Zammit lil 3 applikanti, ġie deċiż li sfortunatament ħadd m'huwa verament adattat għal vakanza li qed joffri l-Kunsill minħabba:

- Hemm min ma jistax jaħdem 40 siegħa fil-ġimgħa
- Hemm min ma jistax jikkomunika sew permezz ta' imejl/kitba
- Hemm min mhux lest li jaħdem overtime u għandu ħin stipulata sa x'ħin jkun disponibli
- Hemm min m'għandux liċenzja ta'sewqan
- Hemm min ilu aktar minn sentejn ma jaħdem b'kompjuter

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li terġa' tinħareġ sejħa oħra sabiex jingħata ċans ieħor.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**4.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA –ikomplu**

Mill-Kunsillier T.Valentino

4.1.22 Hija fakkret li hemm bżonn li jinqatgħu s-siġar fi telgħa ta' Triq il-Pedidalwett. Is-SE infurmat li diġa' saru kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat peress li hemm bżonn li jkun hemm l-uffiċjali biex jiggwidaw t-traffiku sakemm issir dan ix-xogħol.

4.1.23 Il-Kunsillier staqsiet jekk is-sinjali ta' No Entry li hemm fi Triq il-Miżura km Triq il-Kartoċċ hux qegħdin tajbin peress li jistgħu jiġu nterpretati li ma tistax tidħol fi Triq il-Miżura. Is-SE infurmat li se tiċċekja dwar dan.

4.1.24 Hija staqsiet jekk jistax isir shade għal bozza partikolari fi Triq J. Kalleya km Triq l-Arti. Is-SE infurmat li din it-talba diġa' ġiet mgħoddija lil Enemalta.

4.1.25 Rigward dik il-pjanta invasiva fi Triq Wied Mejxu, il-Kunsillier staqsiet x'inhu l-pjan tal-Kunsill forsi din tkun tista' tiġi elemnitata darba għal dejjem. Is-SE infurmat li tqabdet persuna esperata f'dan il-qasam sabiex tħejji rapport idettaljat fejn jiġi spejgat ċar kemm din il-pjanta qed teqred anke siġar/pjanti oħra fl-istess Wied. Is-Sindku nforma li dan ir-rapport se jkun qed jintbagħat lill-entitajiet kollha governattivi li għandhom fir-responsabilta' tagħhm iż-żamma tal-widien.

4.1.26 Hija ssuġeriet li għal dis-sena tiġi organizzata attivita għall-anzjani fis-sala tal-Kunsill fl-1 ta' Ottubru li jaħbat wkoll il-jum internazzjonali għal anzjani. Matul din l-attivita' qed jiġu ssuġeriet li jiġu diskussi suġġetti li jinteressaw lill-anzjani bħal eżerċizzjini fiżiċi, finanzi, xi safar u anke xi attivitajiet/servizzi oħra li jistgħu jibbenfikaw minnhom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din is-Seduta spiċċat fit-19.45 u ġie deċiż li s-Seduta li jmiss ssir fi 19 ta' Settembru fl-16.30. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv